32006D0386

2.6.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 148/61

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/386/PESK

## ta' l-1 ta' Ġunju 2006

## li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sudan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha, flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Mejju 2005, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK sabiex jimplimenta l-miżuri imposti kontra s-Sudan mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1591 (2005).

(2) Fil-25 ta' April 2006 il-Kunsill tas-Sigurtà adotta r-Riżoluzzjoni 1672 (2006) fejn, waqt li jaġixxi taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, huwa ddeċieda li l-Istati kollha għandhom jimplimentaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 tar-riżoluzzjoni 1591 (2005) rigward ċerti individwi nnominati li dwarhom il-Kumitat stabbilit skond ir-riżoluzzjoni 1591 (2005) produċa l-ġustifikazzjoni dettaljata meħtieġa. Dak il-Kumitat se jżomm ukoll u jaġġorna l-lista ta' individwi, kif xieraq, u se jikkunsidra talbiet għal eżenzjonijiet skond ir-rwol assenjat lill-Kumitat fis-subparagrafu 3 a tar-riżoluzzjoni 1591 (2005).

(3) L-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK għandu jkun komplut għaldaqstant,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' persuni stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha tiddaħħal fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar l-1 ta' Ġunju 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. PROKOP

([1]) ĠU L 139, 2.6.2005, p. 25.

*ANNESS*

"1. Kunjom, isem (ismijiet): ELHASSAN Gaffar Mohamed

Informazzjoni oħra: Il-Maġġur Ġenerali u Kmandant tar-Reġjun Militari tal-Punent għall-Forzi Armati Sudaniżi

2. Kunjom, isem (ismijiet): HILAL Sheikh Musa

Informazzjoni oħra: Kap Prinċipali tat-Tribù Jalul fit-Tramuntana tad-Darfur

3. Kunjom, isem (ismijiet): SHANT Adam Yacub

Informazzjoni oħra: Kmandant ta' l-Armata tal-Liberazzjoni tas-Sudan (SLA)

4. Kunjom, isem (ismijiet): BADRI Gabril Abdul Kareem

Informazzjoni oħra: Kmandant tal-Kamp tal-Moviment Nazzjonali għar-Riforma u l-Iżvilupp (NMRD)"